MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**LAURENCE QUINTANO**

Seduta tal-11 ta' Mejju, 2009

Numru. 207/2003

**Il-Pulizija**
**(Spettur Norbert Ciappara)**

**versus**

**Raymond Bezzina.**

Il-Qorti

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Raymond Bezzina ta’ 40 sena, bin Joseph u Eamnuela nee Attard, imwieled Birkirkara fit-30 ta’ Mejju 1962 u residenti fil-fond numru 50 Notlad, Triq il-Familja Cumbo, Mosta detentur tal-karta tal-identita’ numru 362962 (M)

Akkużat talli f’dawn il-Gżejjer, nhar it-18 ta’ Jannar, 2003, u f’dawn l-aħħar tliet xhur qabel din id-data ġol-Mosta u partijiet oħra f’dawn il-Gżejjer

a) Kellu fil-pussess tiegħu r-raża meħuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bħala bażi din ir-raża u l-pjanta cannabis kolha jew biċċa minnha u dan bi ksir tal-artikolu 8(d) tal-Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

b) ukoll kellu fil-pussess tiegħu r-raża meħuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bħla bażi din irr-aża u l-pjana cannabis kollha jew xi biċċa minnha u dan bi ksur tal-artikolu 8(d0 tal-Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta liema droga nstabet f'tali ċirkostanzi li juru li ma kenitx għall-użu esklussiv tal-imputat.

ċ) ukoll talli fl-istess data, lok u ċirkostanzi kkoltiva l-pjana cannabis u dan bi ksur tal-artikolu 8(ċ) tal-Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

d) ukoll talli f'Jannar 2002 fl-istess lok u ċirkostanzi kkoltiva l-pjanta cannabis u dan bi ksur tal-artikolu 8(ċ) tal-Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ntalbet ukoll sabeix f'każ ta' sejbien ta' ħtija tapplika l-artikolu 533 tal-Kap 9.

Rat l-atti kollha tal-proċess inklużi l-fedina penali tal-imputat, l-ordni tal-Avukat Ġenerali tal-21 ta' Lulju 2003, iċ-ċertifikat tat-twelid tal-imputat li jġib id-data 3629 tal-1962, l-istqarrija tal-imputat a fol. 39 u r-rapport imħejji mill-Probation Officer Miriam Sevasta dwar l-imputat a fol.50 et. U l-verbal magħmul mid-difiża u mill-prosekuzzjoni a fol 95.

Semgħet ix-xhieda bil-ġurament.

Semgħet it-trattazzjoni tal-abbli Prosekutur u tal-abbli Difensur.

Ikkonsidrat.

L-ewwel punt li ser ikun mistħarreġ huwa l-verbal tas-6 ta' Frar 2009 (fol.95) fejn id-difiża ssottomettiet hekk:

‘B’referenza għar-relazzjonijiet tal-espert legali Dr Stefano Filletti kif ukoll tal-espert forensiku l-Ispiżjar Mario Mifsud, dawn huma provi inammissbli in kwantu dawn jikkostitwixxu opinjoni ex parte stante li dawn iż-żewġ xhieda qatt am ġew maħtura bħala esperti . Dan minkejja l-fatt li kienu ngħataw nomina fil-kors tal-inkjesta maġisterjali li ppreċediet il-kawża . Id-difiża titlob li dawn ir-relazzjonijeit ikunu sfilzati.’

Il-Prosekuzzjoni rrispondiet hekk:

‘Peress li x-xhieda u r-relazzjonijiet tal-esperti ma kinux konfermati minn din il-Qorti kif preseduta, ix-xhieda tagħhom għandh titqies bħala xhieda tal-Prosekuzzjoni u l-Qorti tinjora l-partijiet fejn huma kkonkludew xi opinjoni.’

Il-Qorti ma għandha quddiemha ebda process verbal dwar l-inkjesta li saret b’konnessjoni mal-każ. Il-ħatriet tal-esperti għalhekk qatt kienu kkonfermati. Barra dan il-Prosekuzzjoni qatt ma talbet lil din il-Qorti sabiex taħtar xi esperti. Għalhekk il-Qorti mhix ser tqis ir-rapporti mħejjija mill-espert legali Dr Stefano Filletti u mill-Ispiżjar Mario Mifsud hija u tiżen il-provi.

Il-provi li fadal huma (a) ix-xhieda li ta l-Ispettur Josric Mifsud u r-ritratti; (b) l-istqarrija tal-imputat; (ċ) Ir-rapport u x-xhieda tal-Probation Officer Miram Sevasta.

L-Ispettur Josric Mifsud ppreżenta xi ritratti (fol.9 et) li kienu nġabru mill-fizzjali tad-dwana ġewwa l-ajruport ta’ Malta. Il-Pulizija kienet marret fuq il-post u sabet xi qsari allegati cannabis.

L-Istqarrija tal-Imputat

L-imputat għamel stqarrija fid-19 ta’ Jannar 2003. Huwa qal li fil-jum ta’ qabel, l-Uffiċjali tad-Dwana kienu sabu magazine li l-imputat kien ingħata meta kien f’mużew Amsterdam. Sabulu wkoll ir-ritratti li huwa kine talla’ minn Malta. . Huwa qal lill-Pulizija li huwa kellu l-pjanti tal-kannabis id-dar tiegħu u kien lest li jeħodhom hemm. Flimkien marru d-dar tal-imputat fejn urieħhom il-qsari. Il-

qsari kienu ilhom għandu madwar xahrejn u nofs jew tliet xhur. Din kienet it-tieni darba li kellu dan it-tip ta' qsari għaliex huwa kellu dawn it-tip ta' qsari xi sena qabel. L-ewwel darba kienu sfaru għax ma kienx jieħu ħsiebhom. Huwa kien ramihom iżda kien pejjep xi biċċiet minnhom.

Iż-żerriegħa tal-qanneb kienet għandu għax kien ġabha mill-Awstralja. Xi għaxar snin qabel. Huwa kien reġa; sab iż-żerriegħa u hu irranġa l-walk-in wardrobe bid-dawl, bl-extractors u bil-fan. B'kollox kien għamel spiża ta' madwar Lm80 Maltija. Huwa kien ilu juża l-cannabis madwar sentejn. Ir-ritrati li sabu l-uffiċjali tad-dwana kienu ttieħdu minn ħabib tiegħu u kienu ttieħdu xi għaxart ijiem jew għoxrin ġuranta qabel. Huwa kien ħadhom biex jieħu parir dwar il-kundizzjoni tal-pjanti. Dan l-aħħar ma keinx qed jieħu ħaxixa. Huwa dejjem kien pejjep id-dar u qatt ma kien biegħ ħaxixa.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Jekk il-Qorti toqgħod biss fuq din l-istqarrija, jirriżulta b'mod li ma jħalli ebda dubju f'moħħ il-ġudikant li l-imputat kien qed jikkoltiva l-ħaxixa. Anzi li din ma kenitx l-ewwel darba għax kien ħawwel darb'oħra. Huwa kien ilu jieħu l-ħaxixa dawn l-aħħar sentejn u kompla jgħid:

'Ngħid li ġieli xejn, ġieli wieħed kull jum. Dan l-aħħar ngħid li xejn hux għax ma kontx qed nieħu.'

Oltre dan huwa kkonferma li r-ritratti esibiti kienu propju ta' dawn il-pjanti tiegħu.

Din l-istqarrija waħidha hija biżżejjed bħala prova. M'hemmx għalfejn il-konferma tal-esperti ġaladarba l-imputat stess qed jammetti l-pjanti x'inhuma.

Il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk fis-sentenza 'Il-Pulizija versus Sharon O'Neill' tas-6 ta' Jannar 2004' Appell Kriminali 171/2003

'Jekk Qorti tkun sodisfatta – bħalma l-ewwel qorti kienet sodisfatta f'dan il-każ – li dak li qed jammetti l-imputat

huwa minnu, u cioe li f'dan il-każ l-appellanti verament kellha r-raża tal-cannabis u mhxu xi oġġett ieħor, allura l-ħtija tista' tiġi bbażata esklussivament fuq tali ammissjoni.' (Ara l-kopja tas-sentenza hawn mehmuża).

Il-Qorti mhix qed tara differenza fil-każ odjern. L-Istqarrija titkellem waħidha. L-imputat altru li kien jaf x'qed jgħid għaliex saħansitra ingħata għaxar minuti ċans sabiex jieħu sigarett u rabat ir-ritratti mal-qsari li kien qed jikkoltiva huwa.

Ukoll dwar 'koltivar' kienet ingħatat sentenza mill-Prim'Imħallef Dr.Vincent de Gaetano – Qorti tal-Appell Inferjuri – u fisser li din il-kelma tista' tittieħed fis-sens ordinarju tagħha. Jista' jkollok qasrija u jista' jkollok għalqa, wieħed xorta qed jikkoltiva.

Ukoll jekk qed tikkoltiva għalik stess, xorta qed tikser l-artikolu 8(ċ) tal-Kap 101.

Ex admissis, l-imputat kien ikkoltiva l-pjanta fiż-żmein indikat fir-raba' imputazzjoni.

L-ewel imputazzjoni hija ppruvata wkoll iżda din qed tiqies bħala assorbita fl-imputazzjoni (ċ).

Dwar it-tieni imputazzjoni – pussess aggravat – il-Qorti għandha d-dubju stante li m'hemm xejn fl-istqarrija tal-imputat u għalhekk qed tillibera lill-imputat mit-tieni imputazzjoni.

**Konklużjoni**

Il-Qorti, wara li rat l-artikoli 17(h) tal-Kap 9, l-artikoli 8(ċ), 8(d), 22(1)(a), 22(2)(b)(i)(ii) tal-Kap 101 issib lill-imputat ħati tal-ewwel, tat-tielet u tar-raba' imputazzjoni magħmula kontra tiegħu b'dan pero' li l-ewwel imputazzjoni hija assorbita fit-tielet imputazzjoni u qed tilliberah mit-tieni imputazzjoni.

Dwar il-piena, il-Qorti, wara li eżaminat bir-reqqa r-rapport mħejji mill-Probation Officer u x-xhieda tagħha dwar il-

progress li għamel l-imputat, qed tikkundanna lill-imputat għall-piena ta’ priġunerija ta’ sitt xhur u għall-ħlas ta’ multa ta’ €467 liema multa tista’ titħallas b’rati ta’ mitt Ewro fix-xahar bl-ewwel pagament iseħħ fi żmien erba’ ġimgħat mil-lum. Jekk ma jitħallasx xi pagament, il-bilanċ ikun dovut f’daqqa. Jekk xi parti mill-multa ma titħallasx, din għandha tinbidel f’jum priġuenrija għal kull €11.65 li ma jitħallsux.

Il-Qorti mhix tapplika l-artikoli 533 tal-Kap 9 għar-raġuni mogħtija aktar ‘il fuq.

Il-Qorti qed tordna d-distruzzjoni tad-droga taħt is-sorveljanza tar-Reġistratur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------